**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Gunju, 2018

Rikors Guramentat numru : 44/17 AL

**A B C**
**-vs-**

**(1) D E f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri bintha F E;**

**(2) P Q E; u**

**(3) Direttur tar-RegistruPubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponent gie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' Digriet moghti fil- Qorti Civili (Sezzjoni tal Familja) (kopja

hawn annessa bhala Dok. ‘A’) in segwitu ghal rikors minnu pprezentat a tenur tal-artikolu 77C tal-Kodici Civili.

2. Illi l-esponent kellu relazzjoni extra-maritali mal-intimata D E, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri F E fis-16 ta’ Marzu, 2015.

3. Illi l-intimata D E kienet f’relazzjoni adultera mal-esponent ghal zmien konsiderevoli u certament li tali relazzjoni adultera, matul liema kien hemm kopulazzjoni f’diversi okkazjonijiet bejn ir-rikorrent u l-istess intimata D E, issussistiet matul il-perjodu ta’ bejn 300 gurnata u 180 gurnata qabel is-16 ta’ Marzu, 2015, u cioe’ qabel id-data tat-twelid tal-imsemmija minuri.

4. Illi fic-Certifikat tat-Twelid tal-imsemmija minri F E (kopja hawn anessa u mAata bhala Dok. ’B’) li ghandu n-numru ta’ Iskrizzjoni 1648/2015, l-intimat P Q E, bil-konnotati kollha tieghu, gie mnizzel bhala missier l-imsemmija minuri F E.

5. Illi pero l-missier naturali tal-minuri F E mhuwiex l-intimat P Q E izda huwa l-esponent, u dan kif anke jirrizulta mic-certifikat tad-DNA li qed jigi hawn anness bhala Dok. ’C’.

6. Illi huwa l-interess tal-esponent, u ghalhekk qed jipprocedi b’din il-kawza, kif debitament awtorizzat, illi huwa jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri F u ismu jigi sostitwit minflok dak tal-intimat P Q E fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri u, anke b’hekk, l-istess minuri jkollha certifikat tat-twelid li jikkonforma mar-realta’ u mhux ikollha mnizzel fuqu isem ta’ xi hadd li mhuwiex verament missierha bhala l-missier.

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(i) Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddeciedi u tiddikjara, ghar-ragunijiet

premessi, illi l-minuri F E illi twieldet fis-16 ta' Marzu, 2015 mhijiex il-wild naturali tal-intimat P Q E;

(ii) Ghall-istess ragunijiet premessi tiddeciedi u tiddikjara, ghar-ragunijiet premessi, illi l-minuri F E illi twieldet fis-16 ta' Marzu, 2015 hija l-wild naturali tal-esponent A B C;

(iii) Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F E illi jgib in-numru progressiv 1646/2015 fil-kolonna fejn hemm indikat "missier it-tarbija" u li fil-prezent jindika "P Q E" jigi mhassar isem l-intimat P Q E u l-konnotati kollha tieghu u minflok jigu inseriti isem ir-rikorrenti 'A B C', id-dokumenttal-Identita' tieghu u cioe' 4675 M, l-eta' tal-esponent meta twieldet il-minuri F E, u cioe' 40, il-post tat-twelid tar-rikorrent u cioe' Pieta, il-post tar-residenza tar-rikorrent meta twieldet il-minuri F E u cioe' Block E, Flat 6, Triq Halib It-Tajr, Santa Lucia, isem u kunjom missier ir-rikorrent u cioe' Micheal C, isem u kunjom omm ir-rikorrent u cioe Lucia C nee Farrugia u jigi indikat ukoll illi missier ir-rikorrent kien haj meta twieldet il-minuri F E, liema korrezzjonijiet ghandhom jigi nseriti wkoll f'kull att iehor relattiv u sussegwenti; u

(iv) Tordna illi l-kunjom tal-minuri F E fuq ic-certifikat tat-twelid taghha bin-numru pregressiv 1646/2015 u fuq kull att iehor relattiv u sussegwenti ghandu jkun il-kunjom tar-rikorrent, u cioe' 'C'.

Bl-ispejjez kontra l-intimati D E u P Q E u l-intimati kollha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti P Q E u D E, li in forza taghha huma eccepew : (fol 17)

1) Illi minghajr pregudizzju huwa minnu li r-rikorrenti kellu relazzjoni extramaritali mal-esponenti, D E, min liema relazzjoni twieldet il-minuri F E fis-16 ta' Marzu 2015.

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess fl-10 t'April 2015 sar id-DNA Test Report tat-tifla F E, li jikkonferma li t-tifla, F E, hija t-tifla naturali tar-rikorrenti. Madanakollu, l-esponenti jigbdu l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi minkejja dan, ir-rikorrenti A B C baqa' inadempjenti milli jirrikonoxxi t-tifla minuri fi zmien sitt xhur minn meta twieldet il-minuri, F, ai termini tal-Artikoli 77A u 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konjugi E ilhom mizzewgin ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal ohra, Britney ta' sbatax-il sena, Nichole t'erbatax-il sena u Christian ta' disa' snin.

4) Illi minghajr pregudizzju ghas-su espost, l-esponenti E umilment jirrilevaw illi ma jhossux illi l-kunjom tal-minuri, F E, fuq ic-certifikat tat-twelid taghha u fuq kull Att iehor relattiv u sussegwenti ghandu jkun il-kunjom tar-rikorrenti u cioe' C, izda ghandu jibqa' l-kunjom E, b'liem kunjom hija maghrufa u liem kunjom huwa wkoll dak ta' ommha u hutha u ghaldaqstant jitolbu umilment li dina l-Onorabbli Qorti tichad ir-raba' talba tar-rikorrenti ai termini tal-proviso tal-Artikolu 77C.

5) Illi finalment, l-esponenti dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit jissottomettu li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u ghaldaqstant huma m'ghandhomx jigu assoggettati ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti P Q E u D E;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa : (fol. 21)

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi n-numru progressiv tal-Att tat-Twelid tal-minuri F E mhuwiex dak ta' 0058975/2015 kif iddikjarat fir-rikors ġuramentat, imma 1646/2015. Stante din id-diskrepanza, l-esponent jitlob li ssir il-korrezzjoni meħtieġa ai termini tal-**Artikolu 175 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** għall-integrita' tal-ġudizzju;

2. Illi minghajr preġudizzju ghal premess, l-esponent jirrileva illi rigward il-mertu, b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri F E, naturalment huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mill-attur fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant jirrimetti ruħu għar-riżultanti proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternita li qed tiġi msejsa ai termini tal-**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa ċar illi sabiex tirnexxi din il-kawża istanti, ir-rikorrent irid ai termini tal-**Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, jipprova li fiż-żmien bejn it-tlett mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri F E, D E kienet wettqet adulterju mal-attur A B C u *di piu'* jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi li jeskludu lil P Q E, ir-raġel tal-intimata D E bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri F E;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet ġenetiċi *ai termini* tal-**Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jindika li huwa proprju l-missier naturali tal-minuri F E. Madanakollu, l-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi dan ir-rapport għad irid jiġi maħluf mit-tekniku ikkonċernat;

5. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, l-attur irid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa ai termini tal-**Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi

adegwatament u konvinċentament juru li l-pussess ta' stat tal-minuri F E ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

6. Illi f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi, l-esponent ħa konjizzjoni tad-dettalji kollha li nkluda l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu li eventwalment jiġu inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri F E, bin-numru progressiv 1646/2015. Barra minn hekk, fl-eventwalita' li l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponent ħa konjizzjoni ukoll li kunjom F E jinbidel għal C, salv pero' illi l-partijiet kontendenti ma jkollhom l-ebda oġġezzjoni għal tali talba;

7. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem P Q E, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri F E bin-numru progressiv 1646/2015;

8. Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat illi l-attur kiseb l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, permezz ta' digriet iddatat it-18 ta' Jannar 2017[1] sabiex jipproċedi bil-kawża odjerna minkejja t-trapass ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri F E. Rat illi in vista ta'

[1] Fol. 7

dan, it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti konjuġi E ġiet sorvolata.

Rat illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet issorvolata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tas-26 t'April 2017 illi ordna sabiex isiru l-korrezzjonijiet neċessarji.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita' ta' F E stante li l-attur jikkontendi li minkejja li F twieldet lill-konvenuta D E li hija miżżewġa lill-konvenut P Q E, l-istess F mhijiex bint l-imsemmi P Q E iżda hija bintu. Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, l-istess F ġiet imniżżla bħala l-wild naturali tal-intimat P Q E, qua żewġ omm it-tarbija.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmi P Q E m'huwiex il-missier naturali ta' F, iżda li dan huwa r-rikorrent innfisu u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati ta' P Q E jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-attur bħala l-missier.

Illi l-konvenuta D E ma tiċħadx, anzi tikkonferma, li hija kellha relazzjoni extra-maritali mal-attur. Tikkonferma wkoll illi l-minuri F hija l-frott ta' din ir-relazzjoni extra-maritali tagħha kif ġie kkonfermat mit-testijiet xjentifiċi tad-DNA.

Flimkien ma' żewġha l-konvenut P Q E, hija tissottometti li l-minuri F dejjem trabbiet fi ħdan il-familja tagħhom m'uliedhom l-oħra Britney, Nichole u Christian. Dejjem kienu l-konvenuti E li ħasbu għall-bżonnijiet materjali ta' F.

Filwaqt illi fil-mertu hemm qbil bejn il-partijiet, jidher illi hemm disgwid dwar il-kunjom li għandha tassumi l-minuri F u wkoll dwar min għandu jħallas l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili[2], illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77A, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

> ***77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.***

Rat illi mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn DDC Diagnostics Center[3] irriżulta illi l-persuna li ssottomettiet il-kampjun hija effettivament il-missier naturali tal-minuri li ssottomettiet il-kampjun. In vista li l-istess riżultat tat-test ma

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Fol. 9

jispeċifikax id-dettalji sija tal-missier u lanqas tat-tarbija, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **Christopher Farrugia**[4] li personalment kien ħa ħsieb jeleva l-kampjuni. Huwa għaraf lill-attur preżenti fl-awla u kkonferma li minn fuqu preleva l-kampjun, li miegħu kien ħa tarbija, li minn fuqha wkoll kien preleva l-kampjun. Huwa kkonferma illi r-riżultati tat-testijiet ġenetiċi esebiti jirrigwardaw lill-attur. In vista li l-attur xtaq iżomm kollox personali u anonimu, id-dettalji tal-persuni li minn fuqhom ittieħdu l-kampjuni, ma tniżżlux fir-rapport.

Rat ukoll l-affidavit tal-istess Christopher Farrugia[5] fejn huwa kkonferma li l-kampjuni orali li kien ippreleva kienu ta' A B C I.D. 4675(M) u t-tifla F. Huwa ssiġilla l-istess kampjuni orali f'envelopps apposta u għaddihom għall-analiżi fil-laboratorju akkreditat DNA Diagnostic Center għall-analiżi u t-tqabbil ta' profili ġenetiċi. Mir-riżultat miksub irriżulta li A B ma jistax jiġi eskluż li mhux il-missier bijoloġiku ta' F. Il-probabilita` ta' paternita hi ta' 99.9997%.

Illi fil-mertu, l-każ kollu jdur jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li F hija l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti fil-liġi u li għall-anqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati f'Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, ġiet ippruvata.

L-aqwa prova, f'kawżi bħal din, huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur huwa il-missier bijoloġiku ta' F E. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita' tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li F hija l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat P Q E. Inoltre, id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta D E, qua omm it-tarbija, ikkonfermat li fil-perjodu tat-tnissil tat-tarbija, hija kellha relazzjoni extramaritali mal-attur. Illi għalhekk il-Qorti tara li

[4] Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2018, fol. 96

[5] Fol. 27

m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

Dwar il-kunjom li għandha tassumi l-minuri F

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri, il-konvenuti E dejjem opponew illi l-minuri tibda ssir magħrufa bil-kunjom tal-attur ossia "C". Huma jsostnu li l-kunjom ta' omm u ħut il-minuri huwa "E" u għalhekk hija għandha tibqa' magħrufa bl-istess kunjom. Ġie sottomess li ladarba l-minuri ser tibqa' tgħix fl-istess familja, għandha żżomm il-kunjom E. Dana wkoll in vista li l-attur, li ilu żmien jaf li huwa missier it-tarbija, qatt ma mantniha[6] jew ħa interess fit-trobbija tagħha. Huwa ntavola l-proċeduri odjerni sena u tmien xhur wara li sar jaf li l-minuri hija bintu u għamel dan biss meta r-relazzjoni tiegħu ma' D E ma kinitx sejra tajjeb.

L-attur kien issuġġerixxa li l-minuri tkun magħrufa bil-kunjom C E[7]. Huwa nnega[8] li ma jagħtix każ ta' bintu għaliex kien hu li fetaħ il-kawża odjerna bl-iskop li sussegwentement jibda jmantni lit-tifla u jkollu aċċess għaliha. Dana peress li l-konvenuta tippreklудih milli jkollu aċċess mat-tifla. Inoltre, huwa jissottometti li l-minuri għadha ma ġietx stabbilita fis-soċjeta`, għadha t'eta` tenera u għadha ma tattendi l-ebda istituzzjoni edukattiva. It-tibdil tal-kunjom mhu ser jikkawża ebda xokk. Jissottometti wkoll li huwa minnu li F għandha wkoll tliet ħutha oħra iżda dan m'għandux ikun ta' xkiel fuq ir-relazzjoni tiegħu mal-minuri.

Il-Qorti tirrileva illi f'ċirkostanzi bħal dawn, fejn l-ulied ma jkunux rikonoxxuti mill-ġenituri naturali tagħhom mit-twelid, il-kwistjoni ta' kunjom il-minuri ma tirrigwardax id-drittijiet u s-setgħat ta' ġenituri li possibilment ikollhom il-ġenituri tat-tarbija. Lanqas ma tirrigwarda min mill-partijiet ħallas l-iktar manteniment għat-tifla. Tirrigwarda biss jekk il-kunjom li legalment għandha tassumi l-

[6] Il-konjuġi Ciantar esebew numru ta' irċevuti u fatturi relatati mal-ħtiġijiet materjali ta' Hayley, lkoll imħallsa minnhom. Fol. 40 et seq.

[7] Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2017, verbal. Fol. 31

[8] Fin-nota tiegħu ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2017, fol. 33a.

minuri jkunx ta' ħsara għaliha jew le. Fil-każ ta' xi preġudizzju potenzjali, il-Qorti bl-applikazzjoni tat-tielet proviso tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, tista' tiddeċiedi li l-minuri tassumi dak il-kunjom li huwa ta' l-inqas ħsara għaliha. Fejn m'hemm l-ebda potenzjal ta' ħsara jew ta' preġudizzju, allura m'hemm xejn li jimpedixxi li l-minuri tassumi l-kunjom tal-ġenituri naturali tagħha.

Fil-każ odjern, irriżulta li l-minuri F sal-lum magħrufa bil-kunjom E, hija bint A B C u D E. Il-minuri għandha biss tliet snin. Hija verita li l-minuri qed titrabba fi ħdan il-familja E, imma huwa daqstant veru li missierha naturali huwa A B C. Bħalma hija għandha aħwa oħra mill-istess omm, jirriżulta li għandha wkoll aħwa oħra mill-istess missier. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-minuri għandha tassumi l-kunjom C E għaliex dana huwa l-kunjom li jirrifletti l-verita` dwar il-minuri u fuq kollox m'huwiex ser jippreġudikaha. Il-fatt li dan m'huwiex il-kunjom identiku bħal ta' ħutha fi ħdan il-familja E, huwa sewwasew riżultat tal-fatt li l-paternita` tagħha m'hijiex identika bħal dik ta' ħutha. Fis-soċjeta` li qegħdin ngħixu fiha, diversi familji jkollhom membri li m'għandħomx l-istess kunjom (anke l-omm u l-ulied jista' liberalment ikollhom kunjomijiet differenti), u din hija xi ħaġa aċċettata u li ma tikkawża ebda xokk jew skandlu.

<u>Dwar il-kap tal-ispejjeż</u>

Il-konvenuti konjuġi E jissottomettu li l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tagħhom u għalhekk m'għandhomx jiġu assoġġettati għall-ispejjeż tal-kawża. Il-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel l-istess asserzjoni. L-attur, min-naħa tiegħu, jippretendi illi huwa ħallas l-ispejjeż tat-testijiet xjentifiċi tad-DNA u għalhekk m'għandux iħallas ukoll l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.

Dwar l-ispejjeż, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dawn għandhom ikunu sopportati b'mod ugwali bejn il-ġenituri naturali tal-minuri, għaliex it-tifla ġiet konċepita bl-għemil tagħhom u ta' ħadd iktar. Kif jista' jreġi l-argument tal-konvenuta, li l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil tagħha? L-azzjoni

odjerna hija direttament attribwibbli għall-għemil tagħha u tal-attur flimkien, u għalhekk għandhom ikunu huma flimkien li jbatu l-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż tat-testijiet ġenetiċi esebiti. In vista li l-minuri ġiet konċepita u mwielda sakemm il-konvenuta kienet (u għadha) miżżewġa, din l-azzjoni ta' filjazzjoni ma setgħetx tiġi skartata, u għalhekk l-ispejjeż m'għandhomx ikunu sopportati mill-attur waħdu bħalma tippretendi l-konvenuta.

Jekk il-konjuġi E għandhom pretensjonijiet ta' manteniment fil-konfront tal-attur, dawna m'humiex mertu ta' din il-kawża u għalhekk qegħdin jiġu skartati mill-Qorti, mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni li tista' tkun spettanti lilhom.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-minuri F imwielda fis-16 ta' Marzu 2015, m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut P Q E; iżda hija l-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A B C;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-minuri F, innumerat elf, sitt mija u sitta u erbgħin tas-sena elfejn u ħmistax (1646/2015), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut P Q E, kif ukoll il-kliem “the said” mill-konnotati tal-omm; Minflok, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier, iniżżel id-dettalji tal-attur kif jirriżultaw mir-rikors ġuramentat;

3. Tordna illi F sal-lum magħruf bħala E tassumi l-kunjom C E. Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku iniżżel annotazzjoni ta' din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, inkluż l-ispejjeż tat-testijiet xjentifiċi tad-DNA esebiti fl-atti tal-proċediment odjern, ikunu sopportati b'mod ugwali mill-attur A B C u mill-konvenuta D E.